**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/083 |
| **Allegazzjoni:** | Ingaġġ ta' impjegati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex abbażi ta' nepotiżmu |
| **Ilmentatur:** | Il-Perit Carmel Cacopardo |
| **Data tal-Ilment:** | 7 ta' Awwissu 2025 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 7 ta' April 2026 |

**L-Ilment**

1. Fis-7 ta' Awwissu 2025, dan l-Uffiċċju rċieva lment mingħand il-Perit Carmel Cacopardo, Deputat Chairperson tal-partit ADPD (l-Ilmentatur). L-Ilmentatur irrefera għal artiklu fil-ġurnal elettroniku *The Shift* li deher aktar kmieni dakinar stess, u li allega li kienu ġew ingaġġati skrivani fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex abbażi ta' nepotiżmu. L-Ilmentatur talab investigazzjoni dwar "[i]*r-responsabbiltà tal-Ministru għas-Sahha Jo Etienne Abela għal dan l-aġir tal-Ministeru li hu jmexxi u l-kunflitt ta' dan l-aġir mal-Kodici tal-Etika li jirregola l-imġiba tal-istess Ministru.*"

2. L-ilment sħiħ hu anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

**Il-Kuntest**

3. Fil-25 ta' Lulju 2025, *The Shift* ippubblikat artiklu li allega li George Abela, in-neputi (nephew) tal-Onor. Dr Jo Etienne Abela, kien ġie ingaġġat bħala skrivan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dr Jo Etienne Abela hu l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

4. Skont dan l-artiklu, is-Sur Abela ma kienx ġie ingaġġat direttament mill-gvern iżda indirettament permezz ta' kumpanija privata bl-isem ta' Signal 8. L-

artiklu qal: "*Critics have increasingly pointed to the use of private contractors as a means to circumvent public service protocols, raising concerns about transparency, meritocracy, and political patronage within ministerial appointments.*"[1]

5. Fis-7 ta' Awwissu 2025, *The Shift* ippubblikat artiklu ieħor li rrepeta l-istess allegazzjoni u żied jgħid li anki Anastasia Cassar, it-tfajla tas-Sur George Abela, kienet ġiet ingaġġata mill-kumpanija Signal 8 bħala skrivan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.[2] Dan hu l-artiklu li rrefera għalih l-Ilmentatur.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

6. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kien jimmerita investigazzjoni. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), kienu dawn li ġejjin:

> *4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*
>
> *4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*
>
> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *8.6 Ebda Ministru m'għandu jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu membri tal-familja tiegħu, persuni oħra qrib tiegħu, u ebda*

[1] Ara https://theshiftnews.com/2025/07/28/ministers-nephew-his-private-secretarys-son-put-on-government-payroll-through-contractor/.

[2] Ara https://theshiftnews.com/2025/08/07/fresh-allegations-of-nepotism-emerge-in-health-ministry-appointments/.

*Ministru m'għandu jiġi kkundizzjonat b'mod mhux xieraq fid-deċiżjonijiet tiegħu minn konflitt ta' interess finanzjarju jew mod ieħor, tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu, jew jagħmel użu mhux xieraq minn informazzjoni li tiġi għandu minħabba l-kariga tiegħu u waqt il-qadi ta' dmirijietu, b'mod partikolari jekk dan isir sabiex jivvantaġġja inġustament lil xi persuna jew persuni għad-detriment ta' oħrajn.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

*Korrispondenza mal-Ministru Jo Etienne Abela*

7. Fit-8 ta' Awwissu 2025, is-sottoskritt kiteb lill-Ministru Jo Etienne Abela biex jirreferilu l-ilment u jitlob il-veduti tiegħu dwaru.

8. Il-Ministru Abela wieġeb tard filgħaxija dakinhar stess. Hu qal li sar jaf bl-impieg tan-neputi tiegħu biss fl-24 ta' Lulju 2025, meta kitiblu dwaru Ivan Camilleri, ġurnalista ma' *The Shift*. Il-Ministru Abela qal ukoll:

> *The Ministry of Health, through various tenders and negotiated procedures, buys hours from several contractors. The vacancies within the Ministry are so vast that we hire some 6000 contractual personnel across entities, some 1000 in the clerking stream alone. But the list runs into lawyers, nurses, ambulance staff, carers, security officers, support workers etc. Suffice it to say that the Government of Malta hires a grand total of 12000+ contractual employees across its services. Without them, the national health service as we know it, would collapse instantly, not overnight. It is not within my remit to interfere with the interview process, and I make it a point not to be in any way involved in any or such contracts.* [...]
>
> *For the record, I do not know the identity of the contractor who employed Mr George Abela and neither do I intend to enquire about it. But I did request a sample of the requirements for the clerking stream and I shall list them here:*
>
> - *good communication and customer care aptitude;*
> - *proficiency in the Maltese and English languages;*
> - *be of good moral character (a Police certificate of good conduct issued within six (6) months prior to their allocation within the hospital must be submitted);*

- *project a smart appearance and be expected to adhere to the dress code policy of the hospital;*
- *be in possession of SEC/'O' Level passes (MATSEC or O Level at MQF Level 3 or equivalent) in a minimum of five (5) different subjects including Maltese, English Language and Mathematics.*

9. Il-Ministru Abela qal li n-neputi tiegħu kien jilħaq dawn ir-rekwiżiti għaliex kellu tmien O levels f'suġġetti li jinkludu dawk mitluba, u annetta kopji ta' ċertifikati bħala prova ta' dan.

10. Il-Ministru Abela qal ukoll li sar jaf dwar l-impieg ta' Anastasia Cassar fl-4 ta' Awwissu 2025, meta ra email dwar dan mingħand il-ġurnalista Ivan Camilleri. Il-Ministru qal:

> *I make it my business not to enquire about my own children's private lives, let alone those of my nephews. And I am not about to start questioning young people's on/off relationships, even if they happen to be my relatives. Therefore, I felt that there was no reason whatsoever to answer this baiting email. But, on a point of principle, I did enquire about Ms Cassar's qualifications and I am reproducing them hereunder, again for your perusal and considered opinion. This young woman has the necessary qualifications to apply for similar vacancies both in the public service and beyond. As she bears no blood relationship to me, I shall not comment any further. I consider the whole affair an unfair disservice to this woman.*

11. Il-Ministru Abela annetta ċertifikati li juru li s-Sa Anastasia Cassar għandha sitt O levels f'suġġetti li jinkludu dawk mitluba. Hu żied jgħid:

> *In conclusion, I again state on soul and consience that I had no knowledge, let alone influenced George Abela's (or for that matter Anastacia Cassar's) contractual employment. But it is my considered opinion that this puerile media exercise vilifying my 19 years old nephew, is a deliberate (and cowardly) exercise, set up to sally my reputation. George Abela is but one of the 12000+ contractual employees whose services are hired by Government, in his particular case as a clerk.*

12. Ir-risposta sħiħa tal-Ministru Abela hija annessa bħala d-**Dokument B**. Iċ-ċertifikati inklużi fir-risposta ġew redatti peress li jirrappreżentaw informazzjoni personali dwar persuni li mhumiex fil-ħajja pubblika.

*Xhieda tas-Sur Jovan Grech*

13. Is-sottoskritt ħarrek lis-Sur Joseph John (Jovan) Grech, direttur tal-kumpanija Signal 8 Security Services Malta Ltd, biex jixhed quddiemu. Is-Sur Grech xehed fl-24 ta' Settembru 2025. Traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu hija annessa bħala d-**Dokument Ċ**.

14. Is-Sur Grech qal li l-kumpanija tiegħu għandha kuntratt biex tipprovdi impjegati biex iservu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-kuntratt ikopri skrivani, security guards u handymen. Il-kuntratt ilu fis-seħħ xi disa' snin. Il-kuntratt oriġinarjament kien mal-gvern, imbagħad inqaleb l-ewwel ma' Vitals imbagħad ma' Steward Health Care Malta. Aktar tard il-gvern reġa' assuma r-risponsabbiltà għall-kuntratt permezz tal-Ministeru għas-Saħħa.

15. Is-Sur Grech qal li "*l-ikbar problema li aħna għandna, u naħseb li għandu kulħadd, hija biex issib in-nies. Illum ma tantx jiġu nies*."[3] Qal li dejjem jinqala' l-bżonn ta' ingaġġ ġdid minħabba riżenji. "*Waqt li qed nitkellmu jiġifieri, għandi bżonn xi tmienja oħra hemmhekk.*"[4] Is-Sur Grech qal ukoll li kull min jissodisfa r-rekwiżiti jiġi aċċettat mill-kumpanija u riferut lill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-kandidati mbagħad jiġu intervistati fl-isptar.

16. Is-Sur Grech qal li sar jaf lis-Sur George Abela fi Frar tal-2024, meta s-Sur Abela kitiblu biex jitlob sponsorship għal programm televiżiv li kien qed jipproduċi fuq l-istazzjon F Living. Is-Sur Grech aċċetta li jħallas għal sponsorship. Aktar tard is-Sur Abela reġa' kkuntattja lis-Sur Grech u staqsieh jekk kellux bżonn in-nies għal xogħol klerikali fl-isptar ta' Għawdex. Is-Sur Grech qal: "*jekk jiġi xi ħadd bl-istess kwalifiki li kuntratt jirrikjedi illum, jista' jkun Tom, Dick and Harry jiġifieri, jiena ngħaddih lill-HR, l-HR department* [tal-kumpanija Signal 8] *jibagħtu għalih* [...] *jitolbuh id-dokumenti neċessarji u ċ-ċertifikati neċessarji, u aħna nibagħtuh l-isptar.*"[5]

17. Is-Sur Grech qal li skont kif kien infurmat, is-Sur Abela reġa' ċempel għan-nom tas-Sa Anastasia Cassar biex jara jekk kienx fadal aktar vacancies, u hi ġiet ingaġġata bl-istess proċedura. Is-Sur Abela ġie ingaġġat f'April tal-2025 u s-Sa Cassar ġiet ingaġġata f'Ġunju tal-istess sena.

---

[3] Dokument Ċ, linji 27–28.

[4] Dokument Ċ, linja 49.

[5] Dokument Ċ, linji 44–47.

18. Mistoqsi jekk sarx kuntatt miegħu dwar dan il-każ min-naħa tal-Ministru Jo Etienne Abela jew xi membru tas-segretarjat tiegħu, is-Sur Grech qal li ma kellu ebda kuntatti. Qal li f'ħajtu kellem lill-Ministru forsi xi darba jew tnejn.

19. Is-Sur Grech forna lil dan l-Uffiċċju b'kopji tal-korrispondenza li kellu mas-Sur George Abela fi Frar tal-2024 dwar l-isponsorship tal-programm tiegħu, it-transaction statement tal-pagament għall-isponsorship, u l-formoli tal-ingaġġ tal-Jobsplus li jindikaw il-bidu tal-impieg tas-Sur George Abela u s-Sa Anastasia Cassar bħala skrivani. Dawn id-dokumenti mhumiex qed jiġu annessi ma' dan ir-rapport għaliex huma ta' natura personali u ftit għandhom relevanza għall-każ.

20. Fl-20 ta' Ottubru 2025, is-Sur Grech intalab jgħid min fil-kumpanija tiegħu kien risponsabbli għall-għażla u l-ingaġġ tas-Sur George Abela u s-Sa Anastasia Cassar, u jippreżenta kwalunkwe dokumentazzjoni relevanti. Is-Sur Grech qal li l-persuna responsabbli kienet is-Sa Kim Grech, HR Manager tal-kumpanija, u inkarigaha biex tipprovdi d-dokumentazzjoni relevanti.

*Xhieda tas-Sa Kim Grech*

21. Is-sottoskritt ħarrek lis-Sa Kim Grech, HR Manager tal-kumpanija Signal 8 Security Services Malta Ltd, biex tixhed quddiemu. Hija xehdet fit-3 ta' Novembru 2025. Traskrizzjoni tax-xhieda tagħha hija annessa bħala d-**Dokument D**.

22. Is-Sa Grech qalet li l-kumpanija tingaġġa skrivani għal mal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet li hija dejjem miftuħa. Ir-rekwiżiti huma ECDL (European Computer Driving Licence) u ħames O levels.

23. Dwar kif il-kumpanija tirriklama s-sejħa għall-applikazzjonijiet, is-Sa Grech qalet: "*niddependu ħafna fuq word of mouth, għax ħafna drabi n-nies anka stess li jkunu jaħdmu hemm* [...] *Jisimgħu huma stess li jkun hemm bżonn in-nies u jibagħtulna s-CVs. Nirċievu ħafna CVs kuljum, minn Għawdex u minn Malta, jiġifieri*."[6] Qalet li l-kumpanija ġieli ħarġet sejħiet għall-applikazzjonijiet, ħafna drabi fuq Facebook, u kultant iżda mhux ta' sikwit fil-gazzetti.

24. Is-Sa Kim Grech qalet ukoll li meta l-kumpanija toħroġ sejħa, din tispeċifika l-kwalifiki meħtieġa iżda mhux il-post tax-xogħol:

[6] Dokument D, linji 160–163.

> *Ġieli ħriġna calls ta, però mhux as such. Hmm per eżempju jekk noħroġ calls mhux ħa ngħid for Gozo General Hospital. Ħa ngħid li għandna bżonn clerks five O levels, bl-ECDL, u mbagħad jien ovvjament nara dak li jkunu allokati Għawdex ngħid ara orrajt mela aħjar ovvjament Għawdex, jew jekk tkun, jien naf, xi ħadd li per eżempju, jien naf, single mother li toqgħod Ħaż-Żabbar, mela nsibilha xi mkien viċin ta' fejn toqgħod. Però nirċievu CVs b'dak il-mod.*[7]

25. Hija qalet li l-aħħar kelma fl-għażla tal-impjegati tkun tal-klijent tal-kumpanija, jiġifieri f'dan il-każ l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, imma l-kandidati magħżula mill-kumpanija qatt ma ġew rifjutati mill-isptar. Il-Ministeru għas-Saħħa ma jkunx involut fl-għażla u ma kien hemm ebda intervent min-naħa tal-ministeru, la fil-każ tas-Sur George Abela u lanqas f'dak tas-Sa Anastasia Cassar.

26. Is-Sa Grech ippreżentat kopji tal-formoli tal-applikazzjoni mimlija mis-Sur George Abela u s-Sa Anastasia Cassar, flimkien mas-CVs u ċertifikati tal-kwalifiċi tagħhom. Dawn id-dokumenti wkoll mhumiex qed jiġu annessi ma' dan ir-rapport.

*Korrispondenza finali mal-Ministru Jo Etienne Abela*

27. Fl-24 ta' Frar 2026, is-sottoskritt kiteb lill-Ministru Jo Etienna Abela biex ifornih bil-provi miġbura skont kif jitlob l-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u jagħtih l-opportunità biex jagħmel sottomissjonijiet finali.

28. Il-Ministru wieġeb permezz ta' email datata 21 ta' Marzu 2026 (**Dokument E**) biex jgħid li ma kellux x'iżid mas-sottomissjoni tiegħu ta' qabel.

## Konsiderazzjonijiet

29. Ir-rekwiżiti biex wieħed isib xogħol bħala skrivan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhumiex għal kollox ċari. Skont il-Ministru Abela, dawn jinkludu kapaċità fil-komunikazzjoni, dehra professjonali, ċertifikat ta' kondotta tajba, u ħames O levels. Is-Sa Kim Grech tal-kumpanija Signal 8 Security Services Malta Ltd qablet mal-Ministru biss dwar l-O levels. Ma semmietx ir-rekwiżiti l-oħrajn, mentri żiedet ir-rekwiżit tal-ECDL li ma ssemmiex mill-Ministru.

---

[7] Dokument D, linji 165–170.

30. Dan l-Uffiċċju għandu provi f'idejh li kemm is-Sur George Abela u kemm is-Sa Anastasia Cassar għandhom l-O levels meħtieġa, u li s-Sa Cassar għandha l-ECDL. Dan l-Uffiċċju m'għandux indikazzjoni li s-Sur Abela għandu l-ECDL, iżda għandu O level fil-computing. Sew is-Sur Jovan Grech u sew is-Sa Kim Grech xehdu li s-Sur Abela kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-ingaġġ.

31. Iż-żewġ xhieda qalu wkoll li kull minn jissodisfa r-rekwiżiti jiġi ingaġġat minħabba n-nuqqas ta' applikanti u l-fatt li impjegati jirriżenjaw ta' spiss. Qalu wkoll li ma kellhom ebda kuntatt min-naħa tal-Ministeru għas-Saħħa fir-rigward tal-ingaġġ tas-Sur George Abela u s-Sa Anastasia Cassar.

32. Kemm is-Sur Jovan Grech u kemm is-Sa Kim Grech xehdu li l-kandidati aċċettati minn Signal 8 jiġu evalwati wkoll mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Jista' jagħti l-każ li r-rekwiżiti l-oħrajn imsemmija mill-Ministru Abela huma maħsuba biex jiġu applikati f'dan l-istadju. Biss, ebda kandidat riferut minn Signal 8 ma jiġi rifjutat mill-isptar: ħaġa li mhix sorprendenti ġaladarba m'hemmx biżżejjed applikanti. Għalhekk jidher li fil-prattika dan l-istadju tal-proċess tal-għażla m'għandux effett, u s-sottoskritt ma ħassx il-bżonn li jindaga dwaru.

33. Fid-dawl ta' dan kollu, is-sottoskritt ma jsib ebda bażi biex jikkonkludi li kien hemm xi nepotiżmu fl-ingaġġ tas-Sur Abela u s-Sa Cassar bħala skrivani fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

34. Madankollu, dan il-każ iqajjem ċertu preokkupazzjonijiet rigward il-mod ta' kif qegħdin jiġu riklamati l-vakanzi klerikali fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

35. Is-Sa Kim Grech xehdet li Signal 8 toħroġ sejħiet għall-applikazzjonijiet ġeneriċi li ma jispeċifikawx f'liema entità jinsabu l-karigi riklamati. Eżempji ta' sejħiet maħruġa mill-kumpanija jinsabu fid-**Dokument F**: dawn ittieħdu minn Facebook jew mill-website tal-kumpanija. B'hekk jidher li applikant prospettiv m'għandu ebda mezz uffiċjali kif jista' jsir jaf li hemm opportunitajiet ta' xogħol klerikali fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Għal dan il-għan il-kumpanija tistrieħ fuq it-tixrid tal-kliem bil-fomm.

36. Is-sottoskritt jifhem li hija prattika komuni li kumpaniji bħal Signal 8, li jservu bħala aġenziji tal-impieg, joħorġu sejħiet mingħajr ma jgħidu f'liema entità jinsabu l-karigi riklamati. Iżda din il-prattika mhix neċessarjament xierqa għas-settur pubbliku. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li għalkemm dawk ingaġġati b'dan il-mod ma jkunux impjegati tal-gvern, il-gvern xorta jkun qed iħallas il-pagi tagħhom indirettament.

37. Jista' jkun hemm diversi persuni li mhumiex qegħdin ifittxu xogħol kwalunkwe, iżda jitħajru japplikaw biex jaħdmu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jekk isiru jafu li teżisti din il-possibbiltà – forsi għaliex l-isptar jinsab f'post konvenjenti għalihom, jew forsi għaliex jixtiequ xogħol fis-settur pubbliku. Sejħa ġenerika għall-applikazzjonijiet effettivament teskludi lil dawn kollha jekk ma jkollhomx mezz biex isiru jafu li s-sejħa qed tirreferi għall-isptar. Sejħa ġenerika tagħti vantaġġ lil dawk li għandhom aċċess għal din l-informazzjoni. Dan jagħti lok għal inġustizzja.

38. L-inġustizzja taggrava ruħha jekk, 'il quddiem, tinħoloq opportunità għal impieg dirett mal-gvern immirata lejn dawk li jkunu ġew ingaġġati indirettament permezz ta' sejħa ġenerika. Jekk jiġri dan, jintefa' fid-dubju l-prinċipju tal-mertu fir-reklutaġġ mas-servizz pubbliku.

39. Sejħa ġenerika taħdem anki kontra l-interess tal-entità pubblika li tikkummissjonaha, billi tillimita n-numru ta' applikanti għar-raġuni diġà indikata.

40. Ir-regolamenti dwar il-ħatriet fis-servizz pubbliku jgħidu li sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tagħti opportunità raġonevoli lil kull min hu eliġibbli għall-kariga biex jara s-sejħa u japplika.[8] Fil-fehma tas-sottoskritt, sejħa ma tistax titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit jekk lanqas biss tindika li x-xogħol riklamat huwa ma' entità pubblika, jew jekk jistgħu jarawha biss dawk li jsegwu aġenzija tal-impieg partikolari. Ir-regolament relevanti japplika għal sejħiet maħruġin direttament mill-gvern, iżda bħala prattika tajba jmissu jiġi segwit anki meta jinħarġu sejħiet minn aġenziji tal-impieg għall-benefiċċju tal-gvern.

## Konklużjoni

41. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jiddikjara li ma sabx ksur ta' etika min-naħa tal-Ministru Jo Etienne Abela, u jiddikjara l-kaz magħluq.

42. Is-sottoskritt jirrakkomanda li jekk il-gvern jidhirlu li għandu jirrikorri għand aġenzija tal-impieg biex din tingaġġa impjegati għall-benefiċċju tiegħu, dan għandu jsir permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet li tispeċifika liema entità jew organizzazzjoni pubblika għandha bżonn l-impjegati, u li tiġi

[8] Ara r-regolament 5(1) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (L.S.Kost.05).

riklamata b'mod prominenti daqslikieku hija sejħa maħruġa direttament mill-gvern.

43. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Ministru Jo Etienne Abela, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopji se jintbagħtu anki lis-Segretarju Permanenti Ewlieni fid-dawl tar-rakkomandazzjoni fuq, u lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula qabel, b'mod partikolari l-paragrafu 38. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 7 ta' Awwissu 2025 mingħand il-Perit Carmel Cacopardo. |
| Dokument B | Ittra datata 8 ta' Awwissu 2025 mingħand il-Ministru Jo Etienne Abela. |
| Dokument Ċ | Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mis-Sur Joseph John (Jovan) Grech fl-24 ta' Settembru 2025. |
| Dokument D | Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mis-Sa Kim Grech fit-3 ta' Novembru 2025. |
| Dokument E | Email datata 21 ta' Marzu 2026 mingħand il-Ministru Jo Etienne Abela. |
| Dokument F | Sejħiet għall-applikazzjonijiet maħruġa mill-kumpanija Signal 8 Security Services Malta Ltd. |

DOKUMENT A

**From:** carmel.cacopardo@adpd.mt
**To:** Office
**Cc:** "Ralph Cassar, Secretary General, ADPD"; Brian Decelis
**Subject:** ilment dwar il-Ministru Jo Etienne Abela
**Date:** Thursday, 7 August 2025 14:41:59

Sur Kummissarju,

Nigbed l-attenzjoni tieghek ghall-artiklu ippubblikat iktar kmieni illum **f'The Shift News** dwar allegazzjonijiet serji ta' nepotizmu fl-ingagg ta' impjegati mal-Ministeru ghas-Sahha.

L-artiklu relevanti issibu hawn: Fresh allegations of nepotism emerge in health ministry appointments - The Shift News.

Filwaqt li nigbed l-attenzjoni tieghek ghal dan nitolbok tinvestiga r-responsabbilta tal-Ministru ghas-Sahha Jo Etienne Abela ghal dan l-agir tal-Ministeru li hu jmexxi u l-kunflitt ta' dan l-agir mal-Kodici tal-Etika li jirregola l-imgieba tal-istess Ministru.

**Carmel Cacopardo**
**Deputat Chairperson – ADPD – The Green Party**

**Tel : +356 [redacted], +356 [redacted]**

DOKUMENT B

**Jo Etienne Abela** MD MRCS FRCSEd MPhil MP
Minister for Health and Active Ageing
Government of Malta
jo-etienne.abela@gov.mt
99908813

## Full disclosure

**Chief Justice Emeritus Joseph Azzopardi**
**Commissioner for Standards in Public Life**

8th August 2025

Your Honour,

I refer to your latest letter to me (K/083) dated today. I acknowledge Carmel Caccopardo's concerns. These concerns stem from articles written by one Ivan Camilleri in *The Shift News*. I shall have to inform you that:

1. this is by no means the first time that this person attacks me by targeting members of my immediate family and other relatives;
2. as a matter of principle I do not, and I certainly have no intention to, read articles penned by Ivan Camilleri, because it is my unshakeable belief that his errant past precedes him, and as I shall prove, I openly suspect his motivation.

Be that as it may, at around 2015hrs on the 24th of July 2025, I got to know about my nephew's contractual employment through an email sent to me by this same Ivan Camilleri at 1142hrs:

**From:** The Shift News <news@theshiftnews.com>
**Sent:** 24 July 2025 11:42:15
**To:** Abela Jo-Etienne at MHA
**Cc:** Vassallo Matthew 3 at MHA; Caroline Muscat; Abela Mariella 1 at MHA
**Subject:** Urgent: Nepotism claim

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Minister,

Hope all is well.

We have been informed that Mr George Abela, your nephew and the son of your private secretary, has been employed on behalf of your Ministry and placed as a clerk at the Gozo General Hospital.

Can you please:

1. Confirm and give the date of recruitment.
2. State what was your or Ms Abela's intervention with the contractor to employ and place Mr Abela on a job paid through public funds?

I state on soul and conscience that I immediately enquired on the veracity of the contents of this email and was able to confirm that my nephew George Abela duly applied for a job vacancy with a contracting agency. I attach hereunder my email response, which I sent on the same day at 2045hrs.

On Thu, Jul 24, 2025 at 8:45 PM Abela Jo-Etienne at MHA <jo-etienne.abela@gov.mt> wrote:

> George Abela is not a public service or public sector employee. He is not a member of my private secretariat.
>
> He was employed by an employment agency through standard procedure and was contracted to work at the Gozo General Hospital. The Ministry for Health and Active Ageing does not select or assign agency employees. This is done by the contractor depending on the merits of qualifications, specific requirements and other technical specifications. This is not nepotism.
>
> Any other statement, no doubt relayed to your good self by third parties, is untrue. But it is in keeping with the current trend of character assassination, through indiscriminate attacks on members of my family. I am sure that you will know what I'm referring to.
>
> Best wishes
>
> Dr Jo Etienne Abela MD MPhil FEBS FRCS MP
>
> Minister for Health and Active Ageing in

As I state in my answer, George Abela is employed by a contractor. The Ministry of Health, through various tenders and negotiated procedures, buys hours from several contractors. The vacancies within the Ministry are so vast that we hire some 6000 contractual personnel across entities, some 1000 in the clerking stream alone. But the list runs into lawyers, nurses, ambulance staff, carers, security officers, support workers etc. Suffice it to say that the Government of Malta hires a grand total of 12000+ contractual employees across its services. Without them, the national health service as we know it, would collapse instantly, not overnight. It is not within my remit to interfere with the interview process, and I make it a point not to be in anyway involved in any or such contracts. It is no secret, however, that during my tenure the number of nurses, carers, clerks, consultant staff, managerial staff, departments and outsourced initiatives has increased in order to meet demands. In the case of consultant staff, outsourced emergency care and surgeries for example, the rise was dramatic.

For the record, I do not know the identity of the contractor who employed Mr George Abela and neither do I intend to enquire about it. But I did request a sample of the requirements for the clerking stream and I shall list them here:

- good communication and customer care aptitude;
- proficiency in the Maltese and English languages;

- be of good moral character ( a Police certificate of good conduct issues within six (6) months prior to their allocation within the hospital must be submitted);
- project a smart appearance and be expected to adhere to the dress code policy of the hospital;
- be in possession of SEC /'O' Level passes (MATSEC or O Level at MQF Level 3 or equivalent) in a minimum of five (5) different subjects including Maltese, English Language and Mathematics.

Whilst I would agree that George Abela's academic results are not quite stellar, I am confident that anyone would agree that having 8 passes at "O-Level" should more than suffice for the job he applied for. His deployment is not above his station. What would Ivan Camilleri have him apply for exactly, a security officer, a cleaner perhaps? Indeed, if he did not intend to pursue further studies, and if I were his parent, I would have advised him to apply to become a clerk in the public service, not with a contractor. For the sake of verification and comparison, I reproduce his results hereunder:


L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATION BOARD
IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

[redacted]

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION,
SPORT, YOUTH, RESEARCH
AND INNOVATION

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

*Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)*

[redacted]

The Ministry for Education, Sport, Youth,
Research and Innovation

**Sir M.A. Refalo Sixth Form**

# CERTIFICATE OF COMPLETION

[redacted]

But alas, Ivan Camilleri sent me another email in the same vein on the 3rd of August 2025 at 1831hrs, this time targeting Ms Anastasia Cassar, as reproduced in part hereunder:

The Shift News <news@theshiftnews.com>
Sun 03/08/2025 18:31
Deleted Items

Show all 3 recipients

**To:** Abela Jo-Etienne at MHA;...

To help protect your privacy, some content in this messa

Action Items

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Minister,

Hope all is well.

Reference is made to our latest correspondence.

We have now been informed that a certain Anastasia Cassar - who happens to be the girlfriend of your nephew George Abela- has also been employed at the GGH hospital on the same terms as your nephew and is now working with him at the same place.

I noticed the email on the 4th of August 2005 at around 0900hrs, and as this was news to me, I again enquired whether this young woman was indeed listed as a contractual clerk at the Gozo General Hospital. However, I make it my business not to enquire about my own children's private lives, let alone those of my nephews. And I am not about to start questioning young people's on/off relationships, even if they happen to be my relatives. Therefore, I felt that there was no reason whatsoever to answer this baiting email. But, on a point of principle, I did enquire about Ms Cassar's qualifications and I am reproducing them hereunder, again for your perusal and considered opinion. This young woman has the necessary qualifications to apply for similar vacancies both in the public service and beyond. As she bears no blood relationship to me, I shall not comment any further. I consider the whole affair an unfair disservice to this woman.

L-Università ta' Malta

MATSEC Examinations Board

## SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE

[redacted]

DEFINITION OF GRADES

Grade 1: Indicates an overall excellent grasp of the subject and is the level of attainment to be expected of the ablest candidates.
Grade 2: Indicates a very high level of achievement overall.
Grade 3: Indicates a high level of achievement but falls below this level in certain sections of the examination.
Grade 4: Indicates a good general level.
Grade 5: Indicates a good level, but not overall, and is the minimum level acceptable for further studies in the subject.
Grade 6: Indicates that candidates have a general grasp of the subject but not a sufficiently deep understanding of it.
Grade 7: Reflects a low level of attainment.

Grades 1-5 are equivalent to Level 3 on the Malta Qualifications Framework.
Grades 6 and 7 are equivalent to Level 2 on the Malta Qualifications Framework.

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

*Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)*

[redacted]

In conclusion, I again state on soul and consience that I had no knowledge, let alone influenced George Abela's (or for that matter Anastacia Cassar's) contractual employment. But it is my considered opinion that this puerile media exercise villifying my 19 years old nephew, is a deliberate (and cowardly) exercise, set up to sally my reputation. George Abela is but one of the 12000+ contractual employees whose services are hired by Government, in his particular case as a clerk. The pertinent questions would have been: is George Abela abusing my influence to report late for work, to dodge, play truant or leave early, to be insolent/haughty/disrespectful, to steal, to be vindictive, or to accrue fictitious overtime? Is this boy qualified for the job, is he doing his job, or relying on my aura?

And who is to say there are no more people bearing some sort of blood relationship to me, that are employed in some other Government entities? I have relatives in Gozo, Malta, England, Scotland, France, Denmark, Italy, Canada, Australia, New Zealand and the US. Have we now become marked men and women, destined to a life of unemployment, to remain destitute? Had George Abela been engaged by some other entity, would I have been reported for collusion with a fellow Minister (as has been falsely alleged before in other circumstances, *vide infra*)? Should the Government and some private contractor discriminate against my relatives just because they are my relatives? Why don't I just ask my children/relatives to quit school, trash their qualifications, stop working, distribute their assets to charity and just register with Jobsplus under Part 1 of the Unemployment Register, until I see fit to quit politics or get booted out? Would Ivan Camilleri, Carmel Caccopardo and the rest be satiated with that?

*The Shift News* has made a raft of false allegations and used such devious and defamatory tactics in the past against me, and these three are prime examples:

1. "Code of ethics? Active Ageing Minister's brother given job at Gozo Ministry" *The Shift News* of 22nd Ocotber 2022 - totally disregarding the facts that my brother Christian Abela had been detailed from Gozo General Hospital to the Ministry for Gozo back in 2013 (I only entered the political fray in 2022) and that, to add insult to injury, he was vehemently opposed to his 2022 transfer (a transfer that was imposed on him after I was elected to office, no less);
2. "Eu42000 direct order for Minister's brother to transport vegetables" *The Shift News* of 14th of May 2025 - totally disregarding the fact that I was and remain completely oblivious to my other brother Ino-Mario Abela's part-time jobs and activities;
3. "Ambulances barred from entering Gozo Square where minister's family own café" *The Shift News* of 25th May 2025 - this latter article was so rife with abject drivel about me and my elderly parents, that even *The Shift News* recoiled in disgust and decided to take it down, although it remains available on *Reddit*.
4. Several other writings that spare my relatives but that bear no semblance to basic truths, audited processes that are available, thus making an outright mockery of proper investigative journalism (the most recent relating to the Paola Health Hub, Emergency Care outsourcing and the emergency/psychiatric unit extension).

Yours sincerely,

JE Abela

DOKUMENT Ċ

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Jovan Grech

---

Każ: K/083

Data: 24 ta' Settembru 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW

Is-Sur Joseph John (Jovan) Grech, Direttur tal-kumpanija Signal 8 Security Services Malta Ltd – JG

---

JA : Ħa ntuk il-ġurament. Naturalment inti m'intix qed tiġi investigat int, inti qiegħed xhud hawnhekk biex jekk ikollok xi problema fuq xi domanda, għidilna li taħseb tista', ikun hemm xi perkussjoniet oħra ok.

JG: M'għandix problema.

JA: Mela, aħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollu, xejn inqas mis-sewwa, hekk Alla jgħinek. Mela, tgħidilna daqsxejn ismek u l-kariga tiegħek.

JG: Mela le. Joseph John Grech known as Jovan, jgħiduli Jovan, anki fuq l-ID card għandi Jovan, eh CEO ta' Signal 8 Security. Kumpanija tiegħi jiġifieri major –

JA: Kumpanija privata tiegħek.

JG: Kumpanija privata tiegħi.

JA: Ok. Issa, tgħidilna xi ħaġa, taf għalfejn int ġejt imħarrek?

JG: Għandi din it-taħrika.

JA: Fuq l-ingaġġ ta' George Abela, is-Sur George Abela, mhux l-eks President.

JG: He's ok imma, I think he's doing ok, imma għax –

JA: Le, le, le, mhux eh għall-President.

JG: George Abela. Għax kellu dak l-accident miskin eh.

JA: Eh, iva.

JG: Hekk hu. Fuq George Abela, jien għandi din it-taħrika hawnhekk, jiena illum il-ġurnata nħaddem elf u tlett mitt ruħ. Jiġifieri n-nies ma nkunx nafhom. Qabel, meta bdejt, għoxrin sena ilu, kont nagħmel kollox jiena, jiġifieri, imbagħad daħħalna bniedem miegħi, illum għandi għoxrin ruħ fl-uffiċċju. Jiġifieri għandi d-dipartimenti kollha kif suppost, jiġifieri, bl-HR department, b'kollox. Aħna għandna kuntratt, mal-General Work – hmm, Gozo General Hospital, jiġifieri, kuntratt li issa ilna għaddejin naħseb xi disa' snin, hmm apparti klerikali għax dan il-każ huwa fuq nies li ħaddimna każ klerikali, għandi security hemmhekk, għandi handymans, ifhimni għandi wkoll magħhom eh Karen Grech jiġifieri u kuntratt kbir estensiv. Eh li nista' ngħid jiena, huwa li llum il-

ġurnata, l-ikbar problema li aħna għandna u naħseb li għandu kulħadd, hija biex issib in-nies. Illum ma tantx jiġu nies. Hmm, fuq George Abela, jiena ma tantx nafu jiena dan.

JA: Ma tafux personalment.

JG: Personalment hekk, jiġifieri, ma nafux. Hmm, però, xi sena jew naħseb iktar qabel ma ġie ingaġġat magħna, dana kien avviċinani lili, kont irċevejt email mingħandu, li qalli li qed jagħmel u jiena kont narah dan il-programm, kont naf bih, hmm jagħmel programm minn Għawdex, jiġifieri, għandi x'jismu wkoll il-programm, għandi l-korrispondenza hawnhekk, hmm u talabni biex intih sponsor. Dana xi sena qabel jiġifieri. Għandi l-ittra hawnhekk, il-programm kien jismu "Minn Għawdex". Fil-fatt datata twentieth February, 2024. U jiena, u jiena, ftit wara, kont għaddejtlu xi flus għal dan il-programm. Jien nisponsorja ħafna, jiġifieri organizzazzjonijiet jiġifieri, fosthom klabbijiet tal-football u tar-regatta, jiġifieri ikollna ħafna minn dawn. Hmm, ovvjament ir-riklam nagħmlu, il-x'jismu nagħmlu biex ikolli riklam jiena, biex dak li jkun jagħmilli riklam lili. Jiġifieri, u hawnhekk għandi l-korrispondenza, tal- ta' dan jiġifieri. Hmm, issa kif qed ngħid, aħna jkollna ħafna requests, jiġifieri ħafna applikazzjonijiet ta' nies li jiġu japplikaw għandna, jiġifieri u aħna f'din iċ-ċirkustanza, jiġifieri li ma nsibux nies, jiġifieri aħna kważi kważi niġru wara n-nies. Hmm, kien ċempilli, qalli isma', qalli inti għandek bżonn xi nies, qalli, sa issa llum il-ġurnata għandi bżonn in-nies jiġifieri, jekk jiġi xi ħadd bl-istess kwalifiki li kuntratt jirrikjedi illum, jista' jkun Tom, Dick and Harry jiġifieri, jiena ngħaddih lill-HR, l-HR department jibagħtu għalih, jibagħtu l-application, jibgħat application jiġifieri, jitolbuh id-dokumenti neċessarji u ċ-ċertifikati neċessarji, u aħna nibagħtuh l-isptar. Bħalissa hemm ċertu wieħed Luke Spiteri, eh ngħidulu isma' għandna dan, biex nimlew dawn il-vakanzi. Waqt li qed nitkellmu jiġifieri, għandi bżonn xi tmienja oħra hemmhekk. Jiġifieri dan, dawn il-vakanzi dejjem jinħolqu għaliex nies they move on, dik iżżewġet u dana, jiġifieri. U daħal għal xogħol, jiġifieri dik kollha.

JA: Jiġifieri din ma kinitx l-ewwel darba li saret sejħa, jiġifieri mhux essaċċ saret sejħa –

JG: Le, le, le.

JA: Talbek impjieg.

JG: Aħna kontinwament – ara hemmhekk inħaddmu roughly xi sittin ruħ aħna, imma kontinwament għandna bżonn in-nies jiġifieri, u kif qed ngħidlek illum tal-biki ma ssibx nies jiġifieri biex jaħdmu.

JA: Eh, u kien hemm xi rekwiżiti naturalment għal dan il-job?

JG: Ir-rekwiżiti, ir-rekwiżiti ma nafhomx bl-amment jiena, imma dan bilfors issodisfa r-rekwiżiti għax inkella l-isptar ma jdaħħluhx. Jiġifieri mingħalija xi ECDL, u xi O levels, jiġifieri għandikun ħamsa, jiġifieri, u dan skont l-HR li ssodisfaw il-kriterji u daħħluh.

JA: Imma mbagħad jgħaddi mill- x'jismu tal-isptar imbagħad.

JG: Imbgħad ehe l-isptar, jibagħtu għalih –

JA: F'dan il-każ.

JG: Kollha. Lil kulħadd.

JA: Eh, kollha, le, le.

JG: Ġieli tlajna jiġifieri hmm li tinħoloq dipartiment per eżempju, u ġieli ġibna sitta min-nies, inġibuhom quddiem l-isptar jiġifieri, kien hemm ċertu James Grima u dan Luke Spiteri, u kien hemm ieħor magħhom, Antoine Refalo, niftakar għax isem bħal, bħall-Ministru jiġifieri, u nagħmlulhom interview quddiemhom jiġifieri.

SPW: Semmejna ħafna l-isptar, ikunu involuti fl-interviews tal-kandidati?

JG: Ukoll, ukoll ta, jarawhom jiġifieri. Qabel jarawhom jiġifieri –

SPW: U r-rekwiżiti għal dawn il-kandidati joħorġu minn naħa tal-isptar jew –

JG: Skont il-kuntratt.

SPW: Ok.

JG: Mal-kuntratt.

SPW: Orrajt.

JG: Ir-rekwiżiti joħorġu mal-kuntratt jiġifieri, u jgħidlek mill-ewwel –

SPW: Sewwa, il-kuntratt li intom għandkom mal-isptar.

JG: Ehe.

SPW: Mal-gvern, intom il-kuntratt mal-isptar jew mal-gvern?

JG: Le, orrajt, yes storja daqsxejn waħda, being l-isptar t'Ghawdex.

SPW: Sewwa.

JG: Aħna konna ħadna l-kuntratt, eh kien għad hemm il-Ministru Fearne.

SPW: Sewwa.

JG: Niftakar, jiġifieri, kienet mal-gvern, prinċiparjament. U mbagħad inqalbet u ġew Vitals u aħna allura mbagħad iffirmajna li jisimha Vitals, imbgħad minn Vitals aħna spiċċajna ma' Stewart Healthcare Malta u ffirmajna kuntratti ma' Stewart Healthcare Malta, imbagħad rega' inqaleb mal-gvern. Aħna bqajna nirtu l-kuntratt jiġifieri.

SPW: So bħalissa qiegħed kuntratt mal-Ministeru tas-Saħħa.

JG: Huwa kuntratt mal-Ministeru tas-Saħħa.

JA: Issa l-Ministeru kellu xi sehem fil-għażla finali imma, wara li għadda minn idejkom, speċi fl-aħħar hux hekk, mhux involved minn qabel.

JG: Jien sa fejn naf jiena –

JA: Sa fejn taf int.

JG: Għaddejna proċeduri normali kif ngħaddu ma' kulhadd jiġifieri, u daħal l-isptar.

JA: Ok. Issa –

JG: Jaħdem l-isptar.

JA: Issa ħa naqilbu mis-Sur George Abela għal Anastasia Cassar. Ma nafx jekk is-sitwazzjoni hix simili.

JG: Eh dana, jekk niftakar tajjeb propjament għax dan tant jiġu nies u tant naraw nies jiġifieri. Dana mid-dehra kien, kien reġa’ ċempel biex jara jekk hemmx iktar vacancies, din għandikun it-tfajla tiegħu, skond kif qaluli jiena, għax jiena onestament –

JA: Ma kontx naf jew insomma. Qabilha, qabel ma kontx tafha lil din.

JG: Ma kontx nafha. U, u dina, saqsew l-HR biex jibgħat, biex tibgħat is-CV l-istess, u tgħaddi mill-istess proċedura, u dawn ġew ingaġġati jiġifieri, għandi l-engagement forms tagħhom hawnhekk, hmm, hu f’April u hi f’Ġunju, xagħrejn wara.

SPW: Tat-2025.

JG: Tat-2025.

SPW: Nistgħu inżommuh?

JG: Mela, mela. U tistgħu iżżommu dawn jekk tridu wkoll, l-evidenza li dan nafu minn hemm hekk, nafu jiġifieri, essaċċ, mhux nafu –

JA: U iva, taf min hu biss.

JG: On a per. Nafu li jagħmel dan il-program.

SPW: Mela fejn hemm dettalji personali –

JA: Umbagħad ma jkun hemm dettalji personali –

JG: Yes.

JA: Ma jkunux pubbliċi ta jiġifieri.

JG: Ok.

JA: Mhux għal tiegħek ta, tagħhom jiġifieri.

JG: Essaċċ m’hemmx xejn x’taħbi, kollox qiegħed black and white jiġifieri. Qed jitlobni għandikun fi Frar tat-2024, u jiena approvajtlu sponsor.

JA: Approvajtha inti imbagħad għaddiet minn x’jismu tal-isptar. Mill-argi tal-isptar biex niftehmu.

JG: Yes.

JA: Ok naħseb.

SPW: Jien għandi, jien għandi xi domandi please. Hmm, mela inti għandek record hawnhekk forsi –

JG: [Idoqq mobile] Sorry, ħa nitfih ta. Skużani.

SPW: Hmm, tal-proċess bażikament ta’ dati, ta’ xi records, sew inti għidt li huwa għamel kuntatt l-ewwel u għadda CV u d-dettalji tiegħu imbagħad lill –

JG: L-ewwel kuntatt għamlu miegħi, imma mbagħad jiena nħallih f’idejn id-dipartimenti jiġifieri, biex jiffolowjaw il-proċedura normali.

SPW: Eh, għandkom file fuqhom dawn il-kandidati?

JG: Kull persuna aħna għandna file ta' kull persuna li qegħda magħna jiġifieri.

SPW: So, nistgħu forsi nitolbu kopja tal-file biex naraw il-kwalifiki tagħhom?

JG: Mela le, mela le.

SPW: Orrajt.

JA: Tista' tibgħathomlna, m'hemmx għalfejn –

JG: Nibgħathom email fuq dik l-email li rċivejt –

JG: Fuq dik l-email li riċivejt.

JA: Biex nevitaw li jkollok terġa' tiġi ta.

JG: Jekk ma jimpurtax, ikunu ċerti, terġa' tgħaddili, insomma hawnhekk Office at Standards.

SPW: Le, ibgħathom lili.

JA: Ibgħathom fejn –

SPW: Eh, offhand tkun taf x'kienu l-kriterji biex dan –

JG: Kif qed ngħidlek, ECDL żgur niftakar, imma mbagħad hemm xi ħames O levels.

SPW: Sew.

JG: Mhux ħa ngħidlek kollha liema huma, jiġifieri, imma la naf ħamsa, lanqas tlieta, onestament, imma we can see that jiġifieri wkoll, toħroġ mill –

SPW: U peress ma kienx hemm sejħa mela, hmm kellek kandidati oħra f'dan il-perjodu?

JG: Hemm numru ta' kandidati, il-ħin kollu deħlin u ħerġin hemmhekk.

SPW: Għall-istess kariga jiġifieri.

JG: Yes, yes, yes.

SPW: Ok u l-istess għamlet nassumi s-Sinjorina Cassar.

JG: Hija, hija proċess normali għalina. Anzi aħna ninkwetaw, jiġifieri llum il-ġurnata kif qed ngħid, li jien illum għandi kumpanija għall-grazzja t'Alla, jiġifieri llum il-ġurnata qegħdin inħaddmu ħafna nies bil-general manager jiġifieri, illum għandna jiġifieri kważi kważi, kemm anki, kemm qed nitilfu sigħat peress li mhux qed naqdu d-dipartimenti bin-nies li għandna bżonn. Għandi, għandi dipartimenti jiġifieri, li qed jitolbuni n-nies u ma nistax intihom in-nies għax ma nsibx lin-nies ta' dik il-kwalifika biex intihomlhom.

SPW: Tista' tgħidilna, min-naħa tal-kumpanija, min kien risponsabbli għall-għażla, fis-sens min għamel is-selection?

JG: Din m'hix selection, din jiġi xi ħadd, stajt tiġi inti, għandek l-applikazzjoni u għandek il-kwalifiki, orrajt, naraw li dawn il-kwalifiki jaqblu mal-criteria, u nibgħatuha.

SPW: Meta, qed naraw id-dipartiment –

JG: Id-dipartiment tal-HR.

SPW: Tal-HR?

JG: Tal-HR.

SPW: Orrajt, so l-aħħar deċiżjonijiet tkun tal-HR bażikament.

JG: Onestament kif qed ngħidlek, jien illum jekk tgħidli min huma n-nies, jiġifieri ftit naf nies li jaħdmu miegħi.

SPW: Sewwa.

KG: Jiġifieri jiena mmur postijiet lanqas jafuni, u nieħu pjaċir. Ma jafunix għax, norma jiġifieri jekk naf x'qed jagħmlu. Aħna l-iktar l-iktar inħaddmu lis-security. Eh seventy per cent ta' dawn in-nies li nħaddmu fis-sigurtà.

JA: Dik area tiegħek hux hekk?

JG: Dik l- ewwel area tiegħi.

JA: Eks pulizija.

JG: U onestament jien immur jiġifieri, immur post, nhar il-Ħadd mort post, immur San Ġwann u nara security u narah qed jilgħab bil-mobile per eżempju u lili mhux qed jinduna, ma jafnix u jiġifieri f'dik is-sitwazzjoni. Illum –

JA: Jiġifieri intom il-kuntratt mhux mal-isptar biss għandkom, mad-Dipartiment tas-Saħħa biss, għandkom ma' ministeri oħrajn, jekk qed nifhmek tajjeb.

JG: Yes.

JA: Ehe.

JG: B'kollox aħna, gvern u privat għandna 250 klijent.

JA: Tajjeb.

SPW: F'dan il-każ, f'dawn iż-żewġ individwi, kienu jafu li l-vacancies kienu għall-isptar t'Għawdex jew applikaw ġenerali imbagħad intom tiddeċiedu fejn tibagħtuhom?

JG: Hmm, ma nafx il-ħsieb tagħhom x'kien jiġifieri. Ma nafx jekk huma kinux aware, imma meta ċempilli l-ewwel darba kien saqsieni jiġifieri, qalli inti għandkom bżonn in-nies hemmhekk? Għidtlu dejjem ikollna bżonn.

JA: Għawdxin, huma Għawdxin it-tnejn dawn, hux hekk?

JG: Iva Ghawdxin.

SPW: U hu kien talab speċifikament għall-isptar t'Għawdex?

JG: Hu, kien saqsini jekk għandix vacancy fl-isptar t'Għawdex.

SPW: Ok. Hmm, u kellek xi kuntatt jew f'dan il-każ mill-Ministeru, Jo Etienne Abela stess jew minn xi ħadd ieħor mis-segretarjat tiegħu?

JG: Jiena lill-Ministru naħseb kellimtu forsi xi darba jew tnejn f'ħajti, jiġifieri. Hmm, ma kellix kuntatti jiena.

SPW: So, ħadd qatt ma qal, isma' hemm dawn iż-żewġ kandidati.

JG: Le.

SPW: U ovvjament l-istess għas-sinjorina Cassar?

JG: Din, kull ma naf jiena jiġifieri, għax minn dakinhar insejt u reġgħu fakkruni jiġifieri l-HR, din tiġi t-tfajla tiegħu jiġifieri dan, għandkom iktar vacancies hemm hekk? Iva.

SPW: And again hu kien talab għall-istess kariga, clerk.

JG: Clerk, klerikali, qalli clerk jiġifieri. Mhux xi kariga speċifika jiġifieri. Bħalhom dawn hemm sittin ruh. Jiġfieri dan hemm, dan dak id-dipartiment.

JA: Daqshekk?

SPW: Ehe.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda tas-Sur Jovan –

JG: Grech.

JA: Grech kif dettata minnu stess fuq it-tape. Grazzi Sur Grech, ħadt gost li erġajt rajtek.

JG: Anki jiena.

*L-aħħar reviżjoni: 17 ta’ Frar 2026*

DOKUMENT D

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa Kim Grech

Każ: K/083

Data: 3 ta’ Novembru, 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju – CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW

Kim Grech, HR Manager mal-kumpanija Signal 8 Security Services Malta Ltd – KG

---

JA: Issa ntuk il-ġurament, qed ittelfek ix-xemx jew hekk?

KG: Le ok.

JA: Issa ntuk il-ġurament. Jekk ikollok problema b’xi domanda għidilna. Eh, u nirrekordjaw biex umbagħad ikollna transcript, OK?

KG: Mela le.

JA: U nkunu nistgħu, ikollna xhieda ta’ dak li għidtilna. Mela, nibdew Charles nirrekordjaw? Diġà qiegħed? Mela tlieta ta’ Novembru elfejn u ħamsa u għoxrin, fl-għaxra ta’ filgħodu. Każ numru żero tmienja tlieta. Preżenti l-Kummissarju, is-Sur Charles Polidano, Direttur Ġenerali, u Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator. Mela s-Sinjura Kim Grech li ġiet mitluba tixhed mill-Kummissarju. Mela Sinjura, tgħidilna daqsxejn il-kariga tiegħek x’inhi, u f’liema kumpanija, u x’tagħmlu.

KG: Mela mas-Signal Eight Security, hmm jiena l-HR manager.

JA: Sewwa, issa taf xi ħaġa – aħna llum tlabnik biex tiġi tixhed dwar l-ingaġġ tas-Sur George Abela u tas-Sinjura jew Sinjorina Anastasia Cassar.

KG: Ehe.

JA: Ħa nibdew bis-Sur George Abela. Mela x’inhi l-kariga tiegħu u kif ġie ingaġġat u meta?

KG: Mela, hmm is-Sur George Abela, kien bħala clerk, fourteenth April.

JA: Ta’ dis-sena?

KG: Ġie ingaġġat fil-fourteenth April ta’ dis-sena.

JA: OK. U kif ġie, kif ġie ingaġġat?

KG: Mela, hmm Mr Abela huwa bagħat CV lil Mr Jovan – Joseph John – Grech.

JA: Sewwa.

KG: Hmm, għaddiha lili, ovvjament għandu l-criterias kollha, bħala O levels, hmm school leaving certificate, ovvjament għax fejn kien qed jaħdem hu, hmm jitolbu dawn il-

criterias. Hu kien eliġibbli biex jaħdem. Ovvjament problema biex insibu n-nies, u ħaddimnieh.

JA: Skużani, m'għidtlekx inti m'intix qed tiġi investigata inti, orrajt?

KG: Le, le.

JA: Le, le, għax suppost hmm inwissik, mhux inwissik, nagħtik il-x'jismu minn qabel sewwa?

KG: Mela, mela.

JA: M'intix qed tiġi investigata int. Hmm, issa, jiġifieri intom ma ħriġtux sejħa?

KG: Mela, hmm sejħiet ikun hemm dejjem, għax il-post ta' fejn jaħdem ikun hemm bżonn dejjem. Għaliex? Għax per eżempju kien hemm xi terminations, maternity leave, allura insibu replacement ta' dak li jkun, u nsibu replacement tal-maternity u jidħol per eżempju persuna minflok sakemm isibu. Sakemm il-perjodu –

JA: Sewwa.

KG: So, dejjem ikun hemm bżonn, u dejjem speċi jekk ikollna CVs, dejjem nibagħtu biex nara jekk humiex interessati biex jaħdmu, so –

JA: Jiġifieri mhux toħorġu f'dan il-każ għallinqas.

KG: Ehe.

JA: Għax naħseb nimmaġina ġieli jkollkom każijiet fejn toħorġu sejħa għall-offerti.

KG: Ikun hemm każijiet fejn noħorġu calls.

JA: Ċert.

KG: Imma l-iktar li noħorġu calls meta jkunu eh, hmm postijiet ġodda. Per eżempju hmm, jien naf, għandna klijent ġdid, li għandu bżonn receptionist, hmm Għawdex, però jrid li jkollha three O levels, Malti, Ingliż u maths, eh irid li jkollha ECDL eżempju, u dawn affarijiet li ħafna drabi mhux dejjem issib kulħadd available li jkollu dawn l-affarijiet, allura I mean George Abela kellu kollox.

JA: Iġifieri f'dan il-każ, hija, hija, kienet każ ta' sejħa dejjem miftuħa.

KG: Dejjem miftuħa.

JA: Iġifieri għax l-isptar –

KG: L-isptar dejjem ikollhom bżonn in-nies.

JA: Dejjem ikun hemm bżonn. Eh, tista' tgħidilna x'kienu r-rekwiżiti biex, għal dil-kariga?

KG: Hmm, ħafna drabi jkunu għax, hmm, skond il-pożizzjoni ovvjament –

JA: Ehe.

KG: Hmm u being li jissemma l-equal pay, l-equal hmm, ma nafx ovvjament smajtu biha, eh, hmm ikunu jridu li jkunu nies bl-ECDL, u five O levels.

JA: Kemm?

KG: Five O levels.

JA: Five O levels u naturalment u dan il-bniedem kellu.

KG: Għandu iktar minn ħamsa O levels.

JA: Għandu iktar minn ħamsa.

KG: Eżatt.

JA: OK. Jiġifieri mhux li kien hemm kwistjoni li oħrajn applikaw eċċetra, this is an open –

KG: Ikun hemm xi ħadd li, li japplika, jibgħatilna CV jew jiġi l-uffiċċju per eżempju jkellimna. Dejjem daħħalnihom.

JA: Intom Għawdex, intom Għawdex biss jiġifieri, fuq Għawdex biss?

KG: Le, hemm Malta u Għawdex.

JA: Imma l-uffiċini tagħkom Għawdex qegħdin?

KG: Malta.

JA: Eh, Malta qegħdin.

KG: Malta. Mainly Malta però Għawdex qed nikbru ftit ftit.

JA: U għandkom uffiċċju apposta Għawdex?

KG: Le.

JA: Le, minn hawn taħdmu.

KG: Iva.

JA: Minn Malta, OK.

KG: Iva, iva.

JA: Eh, issa il-Ministeru f'dal-każ kellu xi sehem fl-għażla?

KG: Le, il-Ministeru ma jidħolx fl-għażla –

JA: Ma jidħolx.

KG: Tal-kandidati.

JA: Intom taraw li kellu –

KG: Nara li kellu il-criterias –

JA: Sewwa.

KG: Hmm, u ningaġġawh.

JA: U tibagħtuh insomma. Tintervistawh intom?

KG: Inkellmuh iva, inkellmuh fuq eh hmm għax ħafna drabi meta jkunu minn Għawdex hmm ma noqogħdux ngħidulhom biex jiġu l-uffiċċju. Però inkellmuhom minn fuq it-telephone, hmm nibgħat ic-cv tiegħu eh lill-klijent, f'dan il-każ l-isptar t'Għawdex, u jkellmuh huma.

JA: Ok, issa –

KG: Imbagħad huma jiddeċiedu jekk jidħolx jew le.

JA: I see, jiġifieri intom tirrakkomandaw.

KG: Eżatt.

JA: Imbagħad jiddeċiedu huma.

KG: Eżatt.

JA: Issa fuq is-Sinjorina Cassar, l-istess proċedura nimmaġina hux hekk?

KG: L-istess proċedura ġara.

JA: Jġifieri bagħtitilkom CV.

KG: Bagħtitilna CV, jiena bgħatt ic-CV, rawha li kienet interessanti u ħaddmuha.

JA: U l-istess kellha, kellha l-kwalifiki.

KG: Hmm mhux dejjem ikunu hmm, mhux dejjem ikunu iridu li jkun hemm din il-criterias, per eżempju ward clerk tagħmel differenza, jew per eżempju customer care li jkunu ħa jaqbdu t-telefon. So there's different criterias. Però ħafna drabi, jitolbu li jkun hemm il-eh, dawn il-criterias.

JA: Issa fil-każ ta' din, tas-Sinjorina Cassar, kien hemm –

KG: Kellha, kellha past hmm –

JA: Experience?

KG: Past experience.

JA: Iġifieri O levels ma kellhiex bħal ma kellu s-Sur Abela.

KG: Ma jidhirlix li għandha O levels, le.

JA: Kellha xi ħaġa imma jew xejn?

KG: Past experiences u għandha l-ECDL. Niċċekkjalek.

JA: Orrajt, orrajt. Iċċekkja naqra, iċċekkja naqra.

KG: Għandha l-ECDL, hmm le sorry għandha O levels.

JA: Għandha, imma –

KG: Sorry, tfixkilt.

JA: Immalafamajtha. Eh mela għidilna.

KG: Għandha O level ta' English, biology, German, Maltese, maths, religion.

JA: Għandha mela.

KG: Għandha oħrajn hawnhekk, għandha sorry.

JA: Għandha, prosit.

KG: Imma ġieli ma jkollhomx O levels u jkollhom past experience.

JA: Jiddependi xogħol x'se jidħlu.

KG: Jiddependi x-xogħol x'se jkunu jagħmlu.

JA: Ok, u again, bħalma għidna għas-sur Abela, hmm ma kien hemm ebda intervent min-naħa ta' –

KG: Le ta.

JA: Min-naħa tal-Ministeru jew hekk?

KG: Le.

JA: U, però l-aħħar, l-aħħar kelma tkun tal-Ministeru jiġifieri, jekk qed nifhem sew?

KG: L-aħħar kelma tal-klijent, għax il-klijent irid jara fejn, fejn hmm to find where the person is suitable for, like. Per eżempju, hmm jiena għandi mnejn inkun tajba fil-customer care bl-esperjenza li għandi iktar milli nkun tajba għal HR.

JA: Allura intom, jekk intom, mhux qed ngħid fuq dawn it-tnejn, mhux fuq dawn in-nies biss, inġenerali –

KG: Ehe.

JA: Jekk intom iddeċiedejtu li X, Mr X, jew Mrs X, jew Ms X, tajba għal dak il-job, once li tibagħtuha sa tidħol taħdem awtomatikament?

KG: Jekk ikollha il- eh, jekk ikollha il-criterias kollha, yes why not hu?

JA: Orrajt. Qatt ma kellkom każ fejn ġew irrifjutati dawn.

KG: Le, le dejjem obduhom.

JA: Iġifieri joqogħdu fuqkom in poche parole.

KG: Eżatt.

JA: Orrajt. Ok, għandkom xi mistoqsijiet intkom?

CP: Eh, min hu l-contact person tagħkom fl-isptar t'Għawdex?

KG: Mela dak iż-żmien kien Mr Luke Spiteri.

CP: Mr?

KG: Mr Luke –

CP: Luke Spiteri.

KG: Eh, hmm Denise, skużani imma insejt x'kunjomha. Denise bħalissa mhux qed jiġini kunjomha. Eh, mainly lil dawk kont inkellem fuq recruitment ovvjament, għax imbagħad ikun hemm contact person li jitkellmu magħhom fuq kuntratti u hekk, ma nafx min huma għax jien mhux min-naħa tal-HR jitkellmu magħhom, so ma nafx eżatt lil min ikellmu.

CP: Ok. Issa sew int u sew is-Sur Grech għamiltu aċċenn li dejjem ikollkom bżonn in-nies għall-isptar ġenerali t'Għawdex.

KG: Ehe.

CP: Eh, imma dawn il-vacancies kif tirriklamawhom, tiddependu fuq word of mouth?

KG: Eh, hmm, iva, niddependu ħafna fuq word of mouth, għax ħafna drabi n-nies anka stess li jkunu jaħdmu hemm, per eżempju, isma' ibgħat CV għax għandhom bżonn. Jisimgħu huma stess li jkun hemm bżonn in-nies u jibagħtulna s-CVs. Nirċievu ħafna CVs kuljum, minn Għawdex u minn Malta, jiġifieri.

CP: I see.

KG: Ġieli ħrigna calls ta, però mhux as such. Hmm per eżempju jekk noħroġ calls mhux ħa ngħid for Gozo General Hospital. Ħa ngħid li għandna bżonn clerks five O levels, bl-ECDL, u mbagħad jien ovvjament nara dak li jkunu allokati Għawdex ngħid ara orrajt mela aħjar ovvjament Għawdex, jew jekk tkun, jien naf, xi ħadd li per eżempju, jien naf, single mother li toqgħod Ħaż-Żabbar, mela nsibilha xi mkien viċin ta' fejn toqgħod. Però nirċievu CVs b'dak il-mod.

CP: U meta tirriklamaw, kif tirriklamaw?

KG: Ħafna drabi fuq Facebook.

CP: Fuq Facebook.

KG: L-iktar li timxi l-kelma.

CP: Ma tużawx gazzetti, ma tużawx recruitment websites?

KG: Gazzetti iva jkollna wkoll, fuq il-gazzetta, hmm, però mhix like every week. Nitfa' eżempju in three months. Meta vera jkolli bżonn, per eżempju nitfa' fuq gazzetta wkoll. Ġieli tfajt fuq gazzetta iva.

JA: Però ma tindikawx għalfejn triduh il –

KG: Le, ma nindikawx.

JA: Just, just a vacancy eċċetra, eċċetra.

KG: Għandi vacancy hmm, li għandi bżonn –

JA: Ehe, ehe.

KG: Nies bil-ECDL, jew –

JA: Jew numru ta' O levels. OK.

KG: Jew numru ta' O levels, jew customer care experience, jew jien naf? Per eżempju, ħafna drabi iridu securities, għax aħna iktar securities, eh ovvjament bil-liċenzja tas-security guard, jiġifieri hekk.

JA: U dejjem lilek jikkuntattjaw, jiġifieri inti contact person, jew għandek oħrajn, nies miegħek?

KG: Jaħdmu eh għandi min jaħdem miegħi, imma eh –

JA: Inti in charge.

KG: Eżatt, jiena l-HR Manager.

JA: OK.

SPW: Hmm, fl-esperjenza tiegħek, hija normali li dawn il-kandidati ikunu jafu per eżempju, jew jassumu, li call, speċjalment f'Għawdex, ħa jkun għall-isptar ta' Għawdex?

KG: Hmm, kif għidtlek, jekk per eżempju jkunu l-istess ħaddiema tagħna stess, jgħidulhom biex jibagħtu CV, ovvjament ħa jkunu jafu, mela most probably hija għall-isptar. Hmm u Għawdex kif għidtilkom ma tantx għandna dik il-kwantità kbira ta' klijenti, so mainly l-isptar t'Għawdex. Però għandna xi klijenti oħra imma mhux ha jkunu tipo jafu żgur li għal hemm, għax nagħmluha generic.

SPW: U mela f'dan il-każ, kemm mas-Sur Abela, kemm mas-Sinjorina Cassar –

KG: Ehe.

SPW: Iż-żewġ CVs ġew għandek mingħand is-Sur Grech?

KG: Ehe.

SPW: OK, hija normali li inti tirċievi CVs tramite hu, bażikament, li hu jibgħathom?

KG: Hmm, ovvjament, ħafna nies speċi jibagħtu lili l-ewwel, imma being li Mr Abela kien ħabib miegħu diġà, kien speċi bagħat email b'kunfidenza b'CV u qallu speċi jekk għandek xi vacancy. Bagħatha lili u jiena –

JA: Mexxejt.

KG: Mexxejt is-CV tajba. Għandu l-criterias kollha.

JA: OK.

SPW: Issa, fir-rigward tal-files li ġibt hawnhekk, dawn huma l-files kompleti tagħkom tal-uffiċċju?

KG: Iva.

SPW: OK. Għandkom korrispondenza għal li jista' jkun hemm ġew ukoll?

KG: Le, ifhem, korrispondenza, jiena ma nżommx korrispondenza as in –

SPW: Emails.

KG: Email tas-CV, ma nżommx , jien just nipprintja CV, u mbgħad biex inżomm il-file nipprintja l-engagement form, CV u certificates, hmm għax ħafna drabi hemm ċertu postijiet u klijenti jirrevedu li n-nies għandhom il-criteria per eżempju. Allura nżomm il-, inżomm iċ-ċertifikati ħalli jkunu handy meta jitolbuhomli, isma' eħe dan għandu l-criteria li qed titlobni.

SPW: Għandek kopja tal-kriterji?

KG: Iva mela, għandi.

SPW: Ok. Aħna li nagħmlu issa, nżommu –

JA: Tista' tħallilna kollox minn dawk il-files li ġibt?

KG: Ehh, nista' forsi nżomm forsi photocopy, għax dawn l-oriġinali ġibt.

JA: Jew nistgħu nagħmlu kopja issa stess.

KG: Dawn nista' ntihomlok.

JA: Ehe. Sewwa.

KG: Għax fil-kas nista' nerġa' nitolbhomlu ta jekk –

JA: Fil-kas nagħmlu kopji issa.

SPW: Jekk m'humiex I mean

KG: Nerġa' nitlobhomlu, mhux xorta?

JA: M'hemmx ħafna, m'hemmx ħafna.

KG: Le, le.

SPW: Orrajt.

JA: Eh, dawn nistgħu inżommuhom.

KG: Tistgħu iżżomuhom imbgħad nerġa' nitlobhomlhom, mhux problema.

SPW: OK.

JA: Jekk eh nieħdu kopja tagħhom aħjar ta.

SPW: Naħseb nistgħu.

JA: Ħa ngħaddihom lis-segretarja u tagħmlilna kopja ta.

KG: Mela.

SPW: Ejja nżommu kollox kif qegħdin fil-files l-oriġinali u nagħmlu kopji batch, batch.

KG: Għandi l-kuntratt, ma naħsibx li hemm għalfejn –

JA: Ħalli kollox imbagħad naraw aħna, aħjar.

KG: Dan il-kuntratt tagħna hu. Dan il-kuntratt tagħna so. M'għandix għalfejn intihulkom naħseb? Din mhix tiegħu. Din mhix tagħha. Dan orrajt imma.

CP: Dak il-kuntratt? Fil-kas nagħmlu kopja tiegħu wkoll.

KG: Tal-kuntratt?

JA: Kuntratt magħkom jew mal-

KG: Magħna.

JA: Magħkom. Sinjura dawn kollha hawn se jibqgħu ta, mhux sa –

KG: Eh, orrajt, orrajt.

SPW: Anki meta noħorġu r-rapport, dettalji personali –

JA: Meta noħorġu r-rapport ċertu dokumenti ma joħorġux.

KG: Personali.

JA: Le.

KG: Orrajt, OK. Iva, sorry hemm l-istaples.

SPW: Don’t worry.

JA: Kien hemm xi mistoqsijiet oħrajn jew? Nistgħu nistennew.

SPW: Bħalissa nistgħu nistennew, forsi niffirmaw l-irċevuta.

JA: OK.

SPW: Forsi niffirmaw.

JA: Mela nistgħu nagħlqu r-recording hux hekk?  Din is-sustanza tax-xhieda ta’ Kim Grech kif dettata minnha stess fuq it-tape.

JA: Kemm intuk il-kopji u tista’ tmur ta.

KG: Thank you.

*L-aħħar reviżjoni:* *20 ta’ Frar 2026*

DOKUMENT E

**From:** Abela Jo-Etienne at MHA
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu
**Date:** Saturday, 21 March 2026 18:59:03

---

This email comes from outside the organization.
Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.
Dear Commissioner,

Thank you for the information. I re-affirm on soul and conscience, that receptive for the remarks and verifications listed in my earlier reply to Your Honour, I have nothing else to add or report,

Best wishes

Jo

Dr Jo Etienne Abela MD MPhil FEBS FRCS MP

Minister for Health and Active Ageing
Government of Malta

---

From: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.mt>
Sent: 24 February 2026 12:29:00
To: Abela Jo-Etienne at MHA
Subject: RE: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Hon Minister Abela

Previous correspondence refers.

Please find attached a letter with annexes from the Commissioner for Standards in Public Life.

Regards,
Charles Polidano

[A close-up of a stone block  Description automatically generated]

Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593     Web: https://standardscommissioner.mt/<https://standardscommissioner.mt/>

From: Abela Jo-Etienne at MHA <jo-etienne.abela@gov.mt>
Sent: Friday, 6 February 2026 20:12
To: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.mt>
Subject: Re: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

This email comes from outside the organization.
Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.

Thank you

Jo

Dr Jo Etienne Abela MD MPhil FEBS FRCS MP

Minister for Health and Active Ageing
Government of Malta

________________________________
From: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt<mailto:charles.polidano@standardscommissioner.mt>>
Sent: 05 February 2026 10:04:49
To: Abela Jo-Etienne at MHA
Subject: RE: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Hon Minister Abela

I have referred your email to the Commissioner, who has directed me to inform you that later this month he will be writing to you to disclose the evidence we have collected and to give you the opportunity to make final submissions.

Regards,
Charles Polidano

[A close-up of a stone block  Description automatically generated]

Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593     Web: https://standardscommissioner.mt/<https://standardscommissioner.mt/>

From: Abela Jo-Etienne at MHA <jo-etienne.abela@gov.mt<mailto:jo-etienne.abela@gov.mt>>
Sent: Wednesday, 4 February 2026 19:29
To: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt<mailto:charles.polidano@standardscommissioner.mt>>
Subject: Re: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

This email comes from outside the organization.
Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.

Mr Polidano,

I have not received the outcome of this investigation yet. May I respectfully enquire about an update on this case?

Jo

Dr Jo Etienne Abela MD MPhil FEBS FRCS MP

Minister for Health and Active Ageing
Government of Malta

________________________________
From: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

<charles.polidano@standardscommissioner.mt<mailto:charles.polidano@standardscommissioner.mt>>
Sent: 11 August 2025 08:43:40
To: Abela Jo-Etienne at MHA
Subject: RE: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Hon Minister Abela

Thank you for your reply, which has been forwarded to the Commissioner.

Yours sincerely,
Charles Polidano

[A close-up of a stone block Description automatically generated]

Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/<https://standardscommissioner.mt/>

From: Abela Jo-Etienne at MHA <jo-etienne.abela@gov.mt<mailto:jo-etienne.abela@gov.mt>>
Sent: Saturday, 9 August 2025 00:16
To: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt<mailto:charles.polidano@standardscommissioner.mt>>
Subject: Re: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

For the Commissioner's perusal.

Jo

Hon Dr Jo Etienne Abela MD MPhil FRCS FEBS MP
Minister for Health and Active Ageing
Visiting Senior Lecturer (University of Malta)

[cid:image002.jpg@01D90982.551A0F70]

t: + 356 25903058 e: jo-etienne.abela@gov.mt<mailto:mariella.abela.1@gov.mt>
[http://www.gov.mt/]http://www.gov.mt/<http://www.gov.mt/>

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING
Palazzo Castellania ,15, Merchants Street, Valletta. Malta

---

From: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt<mailto:charles.polidano@standardscommissioner.mt>>
Sent: 08 August 2025 12:58:15
To: Abela Jo-Etienne at MHA
Subject: Każ K/083 dwar allegazzjoni ta' nepotiżmu

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK

LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

L-Onor. Dr Jo Etienne Abela
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Għal aċċess aktar faċli, l-indirizz elettroniku li jidher fl-ilment anness mal-ittra tal-Kummissarju qiegħed jiġi riprodott hawn: https://theshiftnews.com/2025/08/07/fresh-allegations-of-nepotism-emerge-in-health-ministry-appointments/<https://theshiftnews.com/2025/08/07/fresh-allegations-of-nepotism-emerge-in-health-ministry-appointments/>.

Insellimlek,
Charles Polidano

[A close-up of a stone block  Description automatically generated]

Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593    Web: https://standardscommissioner.mt/<https://standardscommissioner.mt/>




Avviż ippubblikat fil-paġna fuq Facebook ta' Signal 8 Security Services Malta Ltd fit-18 ta' Ottubru 2025




Screenshot meħuda mill-website ta' Signal 8 Security Services Malta Ltd fit-3 ta' Novembru 2025




Screenshot meħuda mill-website ta' Signal 8 Security Services Malta Ltd fl-20 ta' Frar 2026